REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1550

tal-14 ta' Lulju 2017

li jżid Anness mar-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u 22 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/1076 japplika l-arranġamenti tal-aċċess għas-suq għal prodotti li joriġinaw f'dawk il-Gruppi ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP") li kkonkludew ftehimiet li jistabbilixxu ftehimiet ta' sħubija ekonomika ("FSEs") mal-UE, jew li jwasslu għall-istabbiliment tagħhom.

(2) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati FSE tal-SADC, min-naħa l-oħra (l-FSE tal-UE-SADC) ġie applikat proviżorjament mill-10 ta' Ottubru 2016.

(3) Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikoli 4(3) u 22 tar-Regolament (UE) 2016/1076 biex jiżdied Anness ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxi reġim tal-aċċess għas-suq applikabbli fl-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel, minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-kummerċ rilevanti tal-Ftehim tal-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni ("TDCA") ġew sostitwiti mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-FSE UE-SADC,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V li jistabbilixxi reġim tal-aċċess għas-suq applikabbli għall-importazzjoni fl-UE ta' prodotti li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament huwa miżjud mar-Regolament (UE) 2016/1076.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1.

ANNESS

"*ANNESS V*

DAZJI DOGANALI TAL-UE FUQ PRODOTTI LI JORIĠINAW FL-AFRIKA T'ISFEL

Prodotti li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel għandhom jiġu importati fl-UE skont it-trattament stabbilit għall-Afrika t'Isfel fl-Anness I tal-FSE tal-SADC, kif stipulat fl-Artikolu 24(2) tiegħu.

L-Artikoli minn 9 sa 20 ta' dan ir-Regolament japplikaw għall-Afrika t'Isfel."